MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2012

Talba Numru. 187/2011

**GO p.l.c. (C-22334)**
**Vs**
**Giovanna Grixti (K.I. 203167M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu gie premess illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tmien mija u tmienja u sebghin ewro u hmistax-il centezmu (€878.15) liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' servizz ta' kommunikazzjoni, bl-akkont numru AC 40097687 skont diversi kontijiet mibghuta lilha, u skont id-dokumenti hawn annessi: IZY1 – prospett ghas-servizz relattiv u IZY2 - ftehim dwar is-servizz relattiv.

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-12 ta' Dicembru, 2011 mill-Prokuratur Legali Noel Scerri u l-fatt li li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------